MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2014

Numru. 929/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sylvana Briffa)**

**vs.**

**Christian Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza[1] migjuba kontra l-imputat **Christian Spiteri**, ta' hamsa u ghoxrin (25) sena, bin Vincent u Maria neé Delceppo, imwieled Pietà, nhar is-16 ta' Dicembru 1984, residenti numru

[1] *Vide* Dok. "A" – *a fol.* 13.

108, Mary, Triq il-Gdida, Paola, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 34285(M), akkuzat talli fil-31 ta' Awwissu 2011 ghal habta ta' 16.00hrs gewwa Triq Salvu Buhagiar, Marsacala, waqt li kien qed isuq jew fil-pussess ta' vettura Isuzu Gemini bin-numru ta' registrazzjoni CBN 617:

1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, involontarjament ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Scicluna miz-Zejtun skond ma ccertifikat Dr. Anna Grusheuko MD ta' l-iSptar Mater Dei.

Il-Qorti giet mitluba sabiex minbarra l-piena li jidhrilha xierqa tapplika wkoll skwalifika minn kull licenzja tas-sewqan ghal zmien li jidhrilha xieraq.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 39) datata 8 ta' Frar 2013 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tal-1 ta' Lulju 2013 (*a fol.* 71), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-8 ta' Frar 2013, f'liema seduta l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Semghet it-trattazzjoni da parti tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 83 *et seq.*)

**Ikkunsidrat**

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2013, xehed **Joseph Scicluna** (*a fol.* 18 *et seq.*) fejn spjega kif dakinhar tal-31 ta' Awissu 2011 ghal habta ta' 4.15pm kien hiereg mid-dar ta' klijent tieghu u qal: *"Inzilt, meta gejt biex naqsam it-triq, peress li kelli l-karozza faccata ta' fejn kien joqghod il-klijent tieghi. Harist iz-zewg nahat u ma kienx hemm karozzi gejjin. U fil-pront illi nzilt il-bankina u hrigt minn wara l-karozzi li kien hemm ipparkjati rajt karozza gejja b'velocita' qawwija lejja"* (*a fol.* 18). Jghid li din giet mix-xellug u li meta lemahha l-ewwel darba din kienet sittin pied boghod minnu u li hekk kif lemahha dar biex jevitaha u jghid li ra lill-imputat, li kien qed isuq din il-vettura, izomm brejk pero minhabba l-i*speed* li kien qed isuq bih, ma setghux jevitaw lil xulxin bil-konsegwenza li spicca gie milqut bil-quddiem tal-vettura go rkobbtejh ta' saqajh it-tnejn. Jispjega li f'id minnhom kellu kompjuter u f'id l-ohra kellu *ipad*. Jixhed li t-triq hija *two*-way u li ma kienux gejjin vetturi mid-direzzjoni opposta. Ezebixxa, fost l-ohrajn, numru ta' ritratti (Dok. "JS 2" sa "JS 13" – *a fol.* 23 *et seq.*) u zewg certifikati medici (Dok. "JS 14" u "JS 15" – *a fol.* 26 u 27). Jghid li ra l-brejkmarks li halliet il-vettura tal-imputat.

Joseph Scicluna rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2013 (*a fol.* 69 *et seq.*) u qal li b'vetturi pparkjati fuq iz-zewg nahat tat-triq, zewg vetturi f'daqqa fit-triq ma jistghux jghaddu – tant li wiehed irid icedi lill-iehor. Mistoqsi rigward brejkmarks, wiegeb: *"Iva jien minn ma' l-art minn fejn kont bilqieghda ma' l-art meta qlajt id-daqqa kienu jidhru l-brejkmarks u fil-fatt gbidt l-attenzjoni l-ewwel wahda lix-xufier, ghidtlu biex jipprova jispjega lil pulizija dawk il-breakmarks li ghandu wara, meta kont fir-residenza ta' l-klijent tieghi ergajt gbidt l-attenzjoni kemm lis-surgent u l-ispettur li kienu prezenti, u ftit ta' zmien wara, hmistax-il gurnata wara kont mort l-ghassa u ergajt gbidtilhom l-attenzjoni li kien hemm il-break marks"* (*a fol.* 69-70). Jghid li kienu qalulu li ma kienu raw xejn. Mistoqsi rigward il-griehi sofferti minnu, jghid li fis-26 ta' Frar 2013 saritlu operazzjoni go rkobbtejh.

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2013 (*a fol.* 72 *et seq.*), jghid li meta sehh l-incident kellu *desktop tower* f'id u *ipad* f'id ohra. Jghid li hareg minn wara vann ahmar li kien ipparkjat u li kien boghod minnu madwar ghaxar-hmistax il-pied. Mistoqsi fuq id-*desktop,* jghid li hekk kif ra lill-imputat gej: *"tlaqthom qed nghid minn idi, b'idejja stess serraht fuq il-bonnet tal-karozza u mad-daqqa hbatt rasi mal-windscreen u bqajt indur minn fuq is-saqaf u waqajt fil-genb tal-karrozza"* (*a fol.* 7). Jghid li kien mixi bil-mod sewwa peress li kellu d-*desktop* u l-*ipad* f'idejh. Jispjega li m'hemmx *zebra crossing* u kkonferma li qasam mit-triq normali. Mistoqsi jghid kemm kienu twal il-brejkmarks li hu ra li halliet il-vettura tal-imputat, jghid li dawn kienu twal madwar 40-60 pied.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2013, xehed ukoll **il-Professur Anthony Bernard** (*a fol.* 28 *et seq.*) rigward ic-certifikati medici rilaxxati minnu (Dok. "JS 14" u "JS 15" – *a fol.* 26 u 27) u filwaqt li kkonferma l-kontenuti taghhom qal: *"Mis-sintomi tieghu ghadu*

*ma ghaddielux, igifieri ghadu jsofri l-konsegwenzi u parti mill-investigazzjoni se tkun l-atroscopy igifieri irridu naghmlulu operazzjoni li tkun diagnostic fejn nikkonfermaw dak li jidher fl-ezami u fl-MRI u jekk jista' jkun nirrangaw id-damage fil-cartilage u naraw hekk hemmx bzonn affarijiet ohra"* (*a fol.* 29). Mistoqsi jghid kif jikklassifika l-griehi, jghid: *"ta' natura gravi probabbilment"* (*a fol.* 29).

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2013, xehed ukoll **PS 337 Mark Mercieca** (*a fol.* 30 *et seq.*) rigward ir-rapport u l-iskizz li gew redatti minnu u li gew ezebiti u mmarkati bhala Dok. "MM 1" (*a fol.* 32 *et seq.*) u Dok. "MM 2" (*a fol.* 32).

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2013 (*a fol.* 61 *et seq.*) jikkonferma li hu kellem lil Scicluna u mistoqsi jghid jekk Scicluna kienx semma xi brejkmarks, wiegeb: *"Il-vittma semmieli li kien gej bi speed qawwi u dawn l-affarijiet, meta kellimt lill-parti l-ohra qalli li kien gej bi speed normali. Jiena nnotajt fit-triq biex nara jekk hemmx breakmarks u nista' nassigurak li breakmarks ma kienx hemm. Kieku dak il-hin nizzilthom fuq l-isketch li ghamilt jien stess"* (*a fol.* 62).

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Frar 2013, xehdet **Dr. Anna Grushenko** (*a fol.* 42 *et seq.)* li xehdet rigward certifikat mediku (*a fol.* 6) rilaxxat minnha wara li kienet ezaminat lill-parti leza Joseph Scicluna. Mistoqsija tghid kif klassifikat il-griehi, tghid: *"The nature of injuries was slight unless complications because there were no fractures detected, CT brain was normal"* (*a fol.* 43).

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Frar 2013, xehed ukoll **Ray Muscat** (*a fol.* 45 *et seq.*) fejn qal li l-parti leza Scicluna huwa *technician* tal-

kompjuters u spjega li l-incident in kwistjoni gara quddiem id-dar tieghu. Jghid li hekk kif kien diehel id-dar, sema hoss vjolenti ta' vettura qed tipprova tieqaf, hares lura, u ra lil Scicluna mal-art. Jghid li sema wkoll hoss ta' metall li rrizulta li kien it-*tower* tal-kompjuter tieghu (ta' Muscat) li spicca mal-art bl-impatt. Jispjega li meta accedew il-Pulizija dawn kellmu lil Scicluna quddiemu stess u kkonferma li sema lil Scicluna jitkellem fuq xi brejkmarks. Mistoqsi jghid x'qal ezatt, wiegeb: *"Illi kien hemm certa distanza, certa sinjali ma' l-art, dik li niftakar jiena, beda jghidilhom li kien hemm certa sinjali ma' l-art"* (*a fol.* 47). Jghid li fit-triq fejn sehh l-incident hemm *parking* fuq iz-zewg nahat tat-triq. Jghid li meta jkun hemm vetturi pparkjati fuq iz-zewg nahat tat-triq, zewg vetturi hdejn xulxin ma jkunux jistghu jghaddu fl-istess hin.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li ilu jaf lil Scicluna ghal seba' snin u li sar jafu fuq xoghol ta' kompjuters. Mistoqsi jghid jekk dakinhar tal-incident kienx hemm vetturi pparkjati fil-gnub tat-triq jghid li kien hemm vetturi fuq naha minnhom u n-naha l-ohra, man-naha ta' fejn joqghod hu, jidhirlu li kien hemm xi *van* ukoll. Mistoqsi jghid jekk ra xi brejkmarks, wiegeb fin-negattiv.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2013, xehed **Stephen Cachia** (rapprezentant ta' Transport Malta - *a fol.* 52) fejn qal li dakinhar tal-incident il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBN 617 kienet tappartjeni lill-imputat. Ezebixxa dokument mmarkat bhala Dok. "SC 1" (*a fol.* 53 *et seq.*) in sostenn ta' dan.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2013, xehed ukoll **l-eks Spettur Jesmond Borg** (*a fol.* 57 *et seq.*) fejn filwaqt li ftakar id-dettalji tal-incident qal: *"breakmarks ma kienux sinifikanti hafna jigifieri, litteralment il-vettura li laqtet lil individwu ma kienitx ghaddejja b'xi*

*speed ta' barra minn hawn, anzi pjuttost kienet ghaddejja pjuttost bil-mod"* (*a fol.* 58). Jghid li ma jidhirlux li kien hemm aktar minn pied/pied u nofs brejkmarks. Jghid li m'hemmx kurvatura fit-triq fejn sehh l-incident, anzi jghid li hemm triq dritta u li jistghu jipparkjaw vetturi fuq iz-zewg nahat tat-triq. Jixhed li jekk jiftakar sew, kien hemm hsara minima fil-vettura.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2013, xehed ukoll **PC 1356 René Fenech** (*a fol.* 64 *et seq.*) fejn spjega li mar fuq il-post tal-incident. Jghid li l-involviment tieghu kien li jghin lis-Surgent ikejjel bir-rutella. Mistoqsi jghid jekk rax xi brejkmarks, wiegeb fin-negattiv.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2013, xehed l-imputat **Christian Spiteri** (*a fol.* 77 *et seq.*) fejn qal li kien fi triqtu lejn id-dar bil-vettura, jghid li kien wahdu u qal: *"Kont ghaddej bil-karozza qisu bi speed ta' hamsa jew tletin kilometru, bi speed normali, f'daqqa wahda kif kont miexi taqsam persuna f'daqqa minn wara van b'computer f'idha u kellha xi haga ohra, xi tablet jew x'kienet, hargitli ezatt minn wara van, pruvajt niskappha dik in-naqra li stajt, naf li lqattha u ntefghatli fuq il-bonnet hekk, jigifieri lanqas biss waqghet din il-persuna"* (*a fol.* 77). Jghid li sab lil Scicluna quddiemu f'salt. Jghid li t-*tower* li kellu Scicluna spicca habat mal-genb tal-*mudguard* fuq in-naha tax-xufier. Jghid li hekk kif laqat lil Scicluna, Scicluna intelaq *ossia* zamm mal-*bonnet* minghajr ma' waqa'. Jikkonferma li ma kienx hemm brejkmarks mal-art.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li biex waqqaf il-vettura ghafas il-brejk. Mistoqsi jghid ghala fir-rapport redatt mis-Surgent, lis-Surgent qallu li Scicluna kien waqa' mal-art u meta xehed quddiem il-Qorti kien qal li Scicluna ma kienx waqa' mal-art, jghid li Scicluna waqa' fuq il-*bonnet*. Jghid li jista' jaghti l-kaz li

Scicluna nizel fl-art x'hin pogga bil-qieghda. Jixhed li Scicluna hareg minn naha tax-xufier. Mistoqsi jghid jekk Scicluna kienx ghadu wiccu lejn il-faccata tat-triq meta laqtu, jghid: *"Jiena ma stajtx narah jiena, hu qabad u harigli"* (*a fol.* 81). Jghid li t-temp kien bnazzi, li kienet ix-xemx u li ma kienx hemm zrar mal-art.

**Ikkunsidrat**

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma relattivament semplici u fil-verita ftit hemm kontestazzjoni dwarhom. L-incident mertu ta' dawn il-proceduri sehh fi Triq Salvu Buhagiar, Marsascala, li jirrizulta li hija triq li minnha jghaddu vetturi wahda fid-direzzjoni opposta tal-ohra u li fiha jipparkjaw vetturi fuq iz-zewg nahat tat-triq. Irrizulta wkoll li meta jkun hemm vetturi pparkjati fiz-zewg nahat tat-triq, biex jghaddu zewg vetturi fid-direzzjoni opposta ta' xulxin, vettura trid iccedi lill-ohra. Fil-kaz in ezami, irrizulta li fil-waqt li fuq naha minnhom kien hemm vetturi pparkjati, fuq in-naha l-ohra, minn fejn hareg il-parte leza kien hemm zgur vettura *ossia* vann ipparkjat. Irrizulta li l-parti leza ried jaqsam it-triq li fiha kienet qed tinstaq il-vettura misjuqa mill-imputat. Filwaqt li l-parti leza jghid li hekk kif lemah il-vettura tal-imputat din kienet sittin pied boghod minnu, u jghid ukoll li l-vettura tal-imputat halliet brejkmarks twal madwar 40-60 pied, l-imputat jghid li l-parti leza hariglu f'daqqa u li hu ma halla l-ebda brejmarks.

**Ikkunsidrat**

Illi huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna li hemm responsabbiltajiet dwar uzu tat-toroq imposti kemm fuq is-sewwieqa kif ukoll fuq il-*pedestrians*.

Illi kull sewwieq ghandu wkoll l-obbligu li jzomm 'l hekk imsejjah *proper look out*. Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Debattista** deciza fis-26 ta' Mejju 2004, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Hu dover ta' *driver* to see *what is in plain view* [...] u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a *proper lookout* [...].
>
> *Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well"*.

Illi dwar l-obbligi tas-sewwieqa fil-konfront tal-*pedestrians,* fil-kawza fl-ismjiet **Il-Pulizija vs. Robert Brincat** moghtija fit-22 ta' Novembru 2007, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali stabbilit ukoll li:

> *"Driver* ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita *pedestrian* li jaqsam it-triq, anki jekk il-*pedestrian* jaqsam negligentement, u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b' mod li jkun pogga ruhu f'pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-*pedestrian*. Il-kaz li fih *driver* jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn il-*pedestrian* b'xi att inaspettat u subitaneu jew xort'ohra b'xi ghemil tieghu ikun qieghed lid-*driver* f'pozizzjoni

> li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment".

Illi dwar l-obbligu tal-*pedestrian* l-istess Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Caruana** deciza fl-14 ta' Mejju 1955 stabbilit li:

> "Il-*pedestrian* ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-*pedestrian* ikun qieghed ruhu f'post fejn mhux suppost ikun, u *driver* li jkun qed isuq karozza b'mod regolari jsib ruhu f'pozizzjoni ta' emergenza subitanea minhabba fih, dak id-*driver* ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-*pedestrian*".

Illi *in oltre* gie stabbilit li:

> "biex id-*driver* ta' karozza li jinvesti *pedestrian* u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu jista' jiskolpa ruhu, jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u determinanti tal-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-*pedestrian* li gie milqut u ma tistax tigi nvokata mid-*driver* l-iskriminanti tal-emergenza subitanea meta tirrikori l-kolpa tal-awtista li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi tal-emergenza. Il-konducenti ta' vetturi ma ghandhomx jipprezumu normalita' perfetta ta' komportament tal-*pedestrian* imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali w jirregolaw il-velocita' taghhom b'margini sufficienti ta' sikurezza".

Illi f'sentenzi ohra mbaghad, b'mod specifiku dwar meta l-*pedestrian* ma tesplorax sew it-triq qabel kompliet taqsam, il-Qorti ta' l-Appell Kriminiali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri** deciza fis-16 ta' Marzu 1961 rribadiet li dan fih innifsu:

> "ma jezonerax lis-sewwieq mill-obbligi tieghu. Dan ghaliex [...] f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, *ammenoche* f'dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghal xi tort da parti tal-*pedestrian* f'dan il-kaz".

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Formosa** deciza fl-4 ta' April 1959, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Il-*pedestrian* ghalkemm ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam certament ghandu wkoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam '*with reasonable dispatch*'. Aktar u aktar tehtieg dik l-attenzjoni tal-*pedestrian* meta *si tratta* ta' *uncontrolled crossing*".

Illi f'sentenzi ohra imbaghad, gew elaborati sitwazzjonijiet fejn il-*pedestrian* johloq emergenza subitanea lis-sewwieq u cioé *"meta jaqsam f'daqqa w jissorprendi lill-konducent jew jaghmel xi movement insolitu w inaspettat"* (App. Kriminali: **Il-Pulizija vs. J.**

**Thornton** – Vol. XLV.iv.920) jew meta *"pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor; jew li johrog minn xi kurva fit-triq; jew li jitfaccja ghall-gharrieda w inaspettatament quddiem il-karozza"* (App. Kriminali: **Il-Pulizija vs. Cassar Desain** – Vol. XLVI.iv.765).

Illi l-Highway Code jistabilixxi x'ghandu jaghmel *pedestrian* qabel ma jaqsam u hemm diversi regoli li jridu jigu segwiti. Dawn huma s-segwenti:

> "23. Qabel taqsam, ieqaf qabel ma saqajk ihallu l-bankina, fejn int tkun tista' tara jekk ikun gej xi hadd. Tersaqx qrib hafna tat-traffiku. Jekk m'hemmx bankina jew *sidewalk* zomm lura mit-tarf tat-triq izda kun zgur.
>
> 24. Hares sewwa madwarek u isma'. Il-vetturi jistghu jigu minn kull direzzjoni. Isma' sewwa, ghax kultant tista' tisma' t-traffiku qabel ma tarah.
>
> 25. Jekk tkun gejja xi vettura, halliha tghaddi. Erga' hares madwarek u isma'. Taqsamx qabel ma jkun hemm qtugh minghajr periklu fit-traffiku u inti tkun zgur li hemm hafna hin. Ftakar, anke jekk vettura ghadha 'l boghod, tista' tkun riesqa b'velocita kbira.
>
> 26. Meta ma jkunx hemm periklu, aqsam dritt it-triq, tigrix, tmurx lagenba. Ibqa' hares u issemma'

> ghat-traffiku waqt li tkun qed taqsam, fil-kaz li jkun hemm xi traffiku li ma tkunx rajtu, jew fil-kaz li jitfaccja xi traffiku ghall-gharrieda.
>
> [...]
>
> 33. Jekk ghandek taqsam it-triq minn bejn karozzi pparkjati, uza t-truf ta' barra tal-vetturi daqs li kieku kienu l-kurduna tal-bankina. Ieqaf hemm u kun zgur li tista' tara sewwa madwarek u li t-traffiku jista' jara lilek. Qatt m'ghandek taqsam it-triq minn quddiem, jew minn wara, xi vettura bil-magna startjata, specjalment vettura kbira, ghax is-sewwieq ma jkunx jista' jarak".

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tinnota li l-parti leza kellu f'id minnhom *desktop tower* u f'id l-ohra *ipad*. Huwa hareg minn wara vann ipparkjat u, fi kliemu stess: *"U fil-pront illi nzilt il-bankina u hrigt minn wara l-karozzi li kien hemm ipparkjati rajt karozza gejja b'velocita' qawwija lejja"* (*a fol.* 18). Il-Qorti tistaqsi: gialadarba fejn sehh l-incident, it-triq hija wahda dritta u wiehed jista' jara sew minnha, kif jista' ikun li jekk il-parti leza verament hares meta gie biex jaqsam it-triq li huwa ma rax il-vettura tal-imputat gejja qabel xiref minn wara il-vann ipparkjat? Huwa impossibbli li l-parti leza lemah il-vettura tal-imputat meta din kienet f'distanza minnu ta' sittin pied, kif jghid il-parti leza, u dana ghar-raguni illi minkejja li l-parti leza kellu *desktop tower* u *ipad* f'idu, zgur, u mhux forsi, li kieku d-distanza kienet dik li huwa jghid li kienet, li huwa kien jilhaq idur lura u l-vettura

tal-imputat ma kienitx tolqtu. Wiehed ma jridx jinsa li Ray Muscat xehed li hekk kif huwa sema hoss vjolenti ta' vettura qed tipprova tieqaf, hekk kif hares lura ra lil Scicluna mal-art. Dan ifisser li hekk kif Muscat sema l-hoss, instintivament huwa hares lura u ladarba ra lil Scicluna mal-art ifisser li d-distanza bejn Scicluna u l-vettura tal-imputat kienet ferm u ferm anqas milli Scicluna jghid li kienet!

Illi l-Qorti tinnota wkoll li huwa biss il-parti leza li jishaq li ra l-brejkmarks li halliet il-vettura tal-imputat mal-art. L-imputat jghid li dawn kienu twal madwar 40-60 pied. L-eks Spettur Jesmond Borg jghid li l-brejkmarks li kien hemm kienu insinjifikanti u jghid li ma jidhirlux li kien hemm aktar minn pied/pied u nofs brejkmarks. Ix-xhieda l-ohra kollha xehdu li ma raw l-ebda brejkmarks. Minkejja li l-parti leza jghid li xi jiem wara l-incident kien mar l-ghassa tal-Pulizija u gibdilhom l-attenzjoni li kien hemm xi brejkmarks mal-art, il-Qorti tistaqsi: jekk il-parti leza ha l-isbrigu li jiehu r-ritratti ta' fejn sehh l-incident, tant li huwa ezebixxa tnax il-ritratt (Dok. "JS 2" sa "JS 13" – *a fol.* 23 *et seq.*), ghala ma hass il-htiega li jiehu ritratt/i tal-brejkmarks li huwa jghid li ra?! Minn dak mismugh mill-Qorti, il-Qorti ma jirrizultalhiex pruvat li effettivament il-vettura tal-imputat halliet xi brejkmarks kif jallega l-parti leza.

Illi minkejja li l-parti leza jallega li l-imputat kien qed isuq bi *speed* eccessiv, dan ma jirrizultax lanqas.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-fehma tal-Qorti huwa car li l-parti leza mhux biss ha riskju meta ddecieda li jaqsam bl-affarijiet li kellu f'idejh, minn

wara vann, imma hu naqas li josserva r-regoli fondamentali dwar qsim tat-triq u dana *stante* li l-Qorti hija sodisfatta li l-parti leza naqas milli jhares kif huwa obbligat li jaghmel meta gie biex jaqsam it-triq. Min-naha l-ohra huwa car ukoll li l-imputat kien qed isuq b'mod diligenti, meta f'daqqa wahda hareg il-parti leza minn wara l-vann ipparkjat u hu ma kienx f'pozizzjoni li jiehu xi mizuri biex jevita s-sinistru oltre li jaghfas il-brejk, haga li huwa ghamel pero inutilment.

Illi, tenut kont tas-suespost, jidher li l-incident mertu ta' dawn il-proceduri sehh unikament bhala rizultat tan-negligenza da parti tal-parti leza fil-mod kif huwa gie biex jaqsam it-triq minghajr xi negligenza jew kontributorjeta da parti ta' l-imputat li konsegwentement ma jistghax jinstab hati ta' l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu. Fil-kaz odjern, il-*pedestrian* bl-imprudenza tieghu krea lis-sewwieq emergenza subitanea imprevedibbli, li rrenda impossibbli jew mhux ragonevolment possibbli, azzjoni evaziva tempestiva da parti tal-imputat (Ara Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. J. Formosa**, Vol. XLIII.iv.1023).

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------